MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Referenza Kostituzzjonali Numru. 29/2010/1

**Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi)**

**-vs-**

**Carmel *sive* Charles Ellul Sullivan, Patrick Pellegrini u Sebastian Dalli**

**Il-Qorti**

Rat ir-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-14 ta' April 2010, biex din il-Qorti tiddeċiedi jekk l-ilment tal-imputati li ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom *ai termini* tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-27 ta' April 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ *ai termini* tal-*proviso* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li għat-talba tar-rikorrenti kien hemm rimedju effettiv għat-talbiet tagħhom, liema rimedju r-rikorrenti ġa użawh, iżda li kellu eżitu negattiv għalihom. Dawn iż-żewġ artikoli ma jitolbux li r-rimedju effettiv ikollu eżitu pożittiv għar-rikorrenti, iżda jesiġu li jkun rimedju li jeżisti u jkun wieħed effettiv. Jingħad ukoll li r-rikorrenti għad għandhom rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tagħhom u ċjoe' appell fit-tmienm tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-każ.

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija waħda intempestiva minħabba l-istess raġuni spjegata fl-ewwel paragrafu.

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-punt li dwaru qed issir ir-referenza u ċjoe' jekk il-Maġistrat sedenti fil-proċeduri sedenti fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għandux jerġa' jisma' l-provi kollha ġa mressqa mill-ġdid, hu punt li diġa kien deeiż mill-ogħla Qorti kompetenti, b'eżitu negattiv għall-istess rikorrenti, din ir-referenza m'għandhiex tintuża bħala appell ieħor minn din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fis-17 ta' Marzu 2010. L-esponenti jissottomettu li l-unika raġuni għaliex ir-rikorrenti bdew din il-proċedura kostituzzjonali hi biex ir-rikorrenti jittentaw jaslu fejn ma waslu bl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esponenti jissottomettu wkoll li jekk jirriżulta dan l-għemil abbużiv, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara din ir-referenza bħala waħda abbużiva u tieqaf tismagħha.

4. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu din il-proċedura kostituzzjonali qed tintuża biex jitwalu l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti inutilment, l-esponenti jissottomettu li dan hu aġir abbużiv u l-Qorti għandha tiddikjarah bħala tali u tieqaf tisma' din il-proeedura.

5. Illi fil-mertu m'hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fil-konfront tar-rikorrenti la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni u dan għar-raġunijiet segwenti.

6. Illi l-esponenti jissottomettu li l-ġurisprudenza Maltija u tal-Qorti Ewropea tgħallimna li biex ikun eżaminat hemmx ksur tad-drittijiet ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudiżżjarji dawk il-proċeduri jridu jkunu eżaminati fl-assjem tagħhom u mhux spezzettati f'mumenti u partijiet. Hekk id-dritt ta' smigħ xieraq jassigura smiegħ xieraq u ġust meta wieħed jiżen dak kollu li ġara fil-kawża u mhux fir-rigward ta' deċiżjoni jew mument partikolari minnha. F'dan l-istadju dan l-eżami tal-assjem tal-proċeduri kriminali għadu ma jistax isir peress li l-proċeduri kriminali odjerni għadhom ma ntemmux.

7. Illi f'kull każ l-esponenti jissottomettu li d-dritt ta' smigħ xieraq ma jinkludix xi dritt li l-każ jinstema' kollu mill-istess ġudikant. Fis-sentenza **"Pitkanen vs Finland"** il-Qorti Ewropea ma sabitx ksur tal-Artikolu 6 meta s-seduti kollha li fihom instemgħu x-xhieda kienu preseduti minn ġudikant differenti, pero' s-seduti kollha kienu rrekordjati fuq *video* u transkritti. L-esponenti jissottomettu li anke fil-proċeduri kriminali odjerni, hemm traskrizzjoni tax-xhieda kollha. Barra minnhekk, minnhom infushom, dawk il-provi li jinstemgħu bil-proċedura tar-rogatorji ma jinstemgħux mill-istess ġudikant li jkun qed jippresjedi l-proċeduri. Dan ma jfissirx li b'daqshekk hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, ladarba jkun hemm l-opportunita' tar-rikorrenti għal kontro-eżami tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant l-intimati talbu li din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra taghhom;

Rat l-atti proċesswali sija tal-Qorti tal-Maġistrati u sija dawk tal-kawża odjerna;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2011 li permezz tagħha l-Qorti ddeklinat li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u dik tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012 li permezz taghha rrevokat dik is-sentenza u bagħtet l-atti tal-kawża lura lil din il-Qorti biex tiddeċidiha fil-mertu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom bażikament għaliex matul il-kors tal-proċeduri li qed jgħaddu minnhom inbidel diversi drabi l-ġudikant (fil-każ tagħhom il-Maġistrat) li qed jisma' l-kawża.

Illi r-rikorrenti bbażaw t-talbiet tagħhom fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6 (1) u taħt 4 tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-**artikolu 39** jgħid illi:

***39****. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull Qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita' ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-Qorti jew awtorita' oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku."*

Illi l-**artikolu 6 (1)** imsemmi jgħid illi:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Illi l-awturi **Jacobs and White** *(The European Convention on Human Rights*, paġna 140) jgħidu illi:

*"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.*

*And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.*

*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Illi bħalma ntqal diversi drabi fil-kuntest tal-ilment li l-akkużat ma kellux assistenza legali waqt interrogatorju, l-Qorti f'din il-vesti trid tara jekk fil-kuntest kollu tal-każ, jekk l-akkużat jew akkużati kellhomx *'a fair trial'* għaliex ma jeżisti ebda dritt fundamentali *per se* li akkużat irid ikollu bilfors l-istess ġudikant matul il-proċess kollu kif ma kien jeżisti ebda dritt ta' assistenza legali matul interrogatorju msemmi la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fil-kawża appuntu fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Mark Lombardi"** (deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2009), l-intimat fost affarijiet oħra għamel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem fil-kawża **"Imbroscia vs Svizzera"** fejn intqal illi:

*"The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case."*

Illi l-każ l-aktar ċelebri fir-rigward, dak ta' **"Salduz vs Turkija"** ġie msemmi fl-istess risposta tal-kawża ta' Lombardi b'dan il-mod:

Illi din il-Qorti allura ċċitat kemm is-sentenza ta' **Salduz** –

*“Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing”,*

u kemm is-sentenza **“Plonka vs Polonja”** (deċiża fil-31 ta’ Marzu 2009) –

*“The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is secured in their judicial system, the Court’ s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.”*

Illi l-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt waħdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u *“biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea jrid jiġi kunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux jiġu kkunsidrati l-istqarrijiet ‘in isolation’. Jekk fi tmiem il-ġbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkużat tkun l-istqarrija tiegħu allura l-Qorti li trid tiddeċiedi l-każ, trid toqgħod attenta għax sejba ta’ ħtija jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqies dik is-sentenza bħala unsafe”.*

*Illi ta’ min iżid pero’ illi din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali irrevokatha u finalment iddeċidiet li*

*kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat*. (deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali – Appell Ċivili fit-12 ta' April 2011).

Illi issa fil-każ in kwistjoni naturalment il-lanjanza mhijiex dik imsemmija fil-każijiet li għadhom kemm ġew ċitati iżda li l-akkużati finalment se jiġu ġudikati minn Maġistrat li ma jkunx sema' tal-inqas il-maġġoranza tal-provi prodotti. Huwa mill-ewwel evidenti li dan ma jfissirx li huma mhumiex se jkollhom *'a fair trial';* min se jiġġudikahom għandu a dispożizzjoni tiegħu l-verbali dettaljati u kull xhieda hija traskritta debitament. Ikun naturalment differenti l-każ kieku min jiġġudika ma jkollu ebda dokumentazzjoni u jiġġudika mingħajr ma jisma' l-provi. L-ordinament ġuridiku tagħna tant huwa attent għal dawn il-possibbilitajiet li meta jsir appell kriminali minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Sommarja (fejn allura x-xhieda normalment ma tkunx traskritta), il-provi jerġgħu jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi barra minn hekk għalkemm huwa ċertament desiderabbli li l-ġudikant jisma' l-kawża mill-bidu tagħha sa tmiemha, dan ma hux dejjem possibbli. Fil-każ in eżami, per eżempju, kien hemm Maġistrati li ġew elevati għal Imħallfin; xi ħaġa li tista' tiġri faċilment fil-kors ta' kawża. X'għandu jsir allura? Jerġgħu jibdew il-provi? Jew, x'jigri quddiem il-Qorti tal-Appell (Kriminali jew Civili)? Jerġgħu jinstemgħu l-provi għaliex l-Imħallfin sedenti ma jkunux semgħu l-provi huma? Kieku jiġri hekk il-kawżi kollha jdumu għexieren ta' snin biex jiġu deċiżi.

Illi dan kollu jwassal il-Qorti għall-konvinzjoni assoluta li din it-talba tal-akkużati ma hijiex ħlief it-tentattiv ennesimu tagħhom biex itawwlu bla bżonn il-proċeduri in kwistjoni.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet kollha tal-imputati bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------